TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 152/15-F

**Rachel Gauci**

**vs**

**Clint La Rosa eżerċenti l-kummerċ bħala Welcome Auto Dealer/La Rosa Motors**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 t'Awwissu, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf, mija u tlieta w erbgħin ewro (€1,143), rappreżentanti tiswijiet subiti fil-vettura tagħha waqt il-perjodu tal-garanzija.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet xtrat vettura *second hand* mingħand id-ditta ntimata b'sena garanzija u li kienet aċċertata li l-magna kienet *rebored.* Pero' wara sena issiżjat il-magna minħabba problema fit-*timing belt.* Illi r-rikorrenti sewwietha a spejjeż tagħha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejħa tliet darbiet m'attendietx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub sal-ħin tas-seduta, u għalhekk ma kkontestatx it-talba.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elf, mija, u tlieta w erbgħin ewro (€1,143), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888